# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Mejju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 268/01mm**

**Pauline Cilia**

**vs**

**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u tnejn u disghin lira Maltin u hamsa u sebghin

centezmu (Lm992.75) ta' hdax-il kambjala skaduti ta' Lm90.25 il-wahda u li kopji taghhom gew esebiti bhala Dok. A sa' K.

Bl-imghax legali mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala u bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba attrici.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.